**10 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Susan Davies *et*

*versus*

Anthony Galea

**Danni - Korriment Personali - Inċident Awtomobilistiku - *Lump Sum Payment***

*Il-Qorti sabet lill-konvenut responsabbli għall-inċident awtomobilistiku u l-korriment personali ta' l-attriċi u llikwidat id-danni. Interessanti r-riflessjonijiet tal-Qorti dwar* deductions *għal-*lump sum payment.

Il-Qorti:-

Din il-kawża li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Ġunju, 1991 tittratta l-istess meritu tal-kawża fl-ismijiet **Avukat Remigio Zammit Pace *noe vs* Susan Davies *et*** (Ċitazzjoni numru 949/91). Effettivament, l-attur fit-tieni kawża hija l-kumpannija assiguratriċi tal-konvenut f'din il-kawża;

Dan il-każ jirrigwarda inċident stradali li ġara bejn il-partijiet fis-26 ta' Diċembru, 1989 bejn il-konvenut, li kien qed isuq il-vettura taxi nru. Y-0005 u l-attriċi li kienet qed issuq il-vettura Alfa H-1777 proprjetà tagħha;

L-inċident ġara fil-limiti ta' Ħal Luqa preċiżament meta l-attriċi kienet qed iddur *mar-roundabout li tinsab fi Triq il-*Kunsill ta' l-Ewropa, proprju fil-limiti ta' Ħal Luqa;

Skond l-attriċi, il-konvenut kien unikament responsabbli għal dan l-inċident minħabba it-traskuraġni u non osservanza da parti tiegħu tar-regolamenti tat-traffiku;

Riżultat ta' dan l-inċident l-attriċi soffriet ġrieħi ta' natura permanenti li wasslu għall-inkapaċità parzjali tagħha u dana skond rapport mediku tat-tabib Charles Grixti;

Konsegwenza ta' l-inċident għalhekk id-danni sofferti mill-attriċi kienu sew fil-preżent kif ukoll fil-futur. Hija għalhekk talbet lill-Qorti biex tiddikjara u tiddeċidi:

Il-konvenut Anthony Galea kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fis-26 ta' Diċembru, 1989 fil-limiti ta' Ħal Luqa u għad-danni konsegwenzjali li ġarrbet l-attriċi Susan Davies bħala riżultat ta' dan l-inċident fuq referit;

Għaliex dawn id-danni ma għandhomx jiġu minn din il-Qorti likwidati *occorrendo* bl-opra ta' Perit *nominandi*;

Għaliex il-konvenut ma għandux jiġi kkundannat iħallas lill-atturi dawk id-danni li jiġu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma' l-imgħaxijiet legali - u dawn apparti mill-fatt li talbet l-ispejjeż soliti u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni;

Maċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni ġuramentata hija esebiet kopja ta' l-okkorrenza, skizz ta' l-inċident u r-rapport mediku li ċċertifikaha b'diżabilità permanenti (*permanent residual disability*) ta' 18%;

Għal kull bon fini jingħad illi l-azzjoni attriċi ġiet proposta ukoll minn żewġt l-attriċi bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

B'rikors tat-23 ta' Ottubru, 1991, is-soċjetà Elmo Insurance Ltd., in rappreżentanza tas-soċjetà estera Sun Alliance and London Insurance plc. talbet biex tintervjeni fil-kawża peress illi l-konvenut kien assigurat ma' l-istess ditta estera;

L-atturi sostnew illi ma setgħux jinnotifikaw lill-konvenut u għalhekk b'rikors tal-5 ta' Settembru, 1991 talbu biex jinnotifikawh permezz tal-proċeduri tal-pubblikazzjoni;

B'digriet tas-26 ta' Settembru, 1991 il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-pubblikazzjoni f'żewġ ġurnali lokali apparti milli fil-Gazzetta tal-Gvern;

Jidher illi mill-atti proċesswali li din l-ordni tal-Qorti dwar in-notifika ta' dan il-mezz saret, il-konvenut però ma għamilx in-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu u għalhekk waqa' kontumaċi;

Irid jingħad ukoll li l-intervent fil-kawża la..talab li jagħmel u lanqas għamel nota ta' eċċezzjonijiet. Fis-seduta tas-17 ta' Frar, 1992 ġie nominat bħala Perit Legali, Dr. Joseph Ciappara, bl-assistenza tal-kirurgu Carmel Sciberras;

Fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 1997 il-Qorti ġiet informata li l-provi kollha inġabru u effettivament fis-seduta tal-21 ta' April, 1997 ir-rapport sew legali u sew mediku ġew maħlufa;

Fis-seduta tas-26 ta' Ġunju, 1997 il-Qorti ġiet infurmata li l-kawża setgħet tibqa' għas-sentenza u dan wara li l-intervent fil-kawża kien għamel nota ta' osservazzjonijiet li għaliha saret risposta mill-attriċi;

Jingħad minn qabel, però, illi l-perit legali, fir-relazzjoni tiegħu, ikkonkluda illi l-konvenut kien unikament responsabbli ta' l-inċident in kwistjoni u dan wara li kkunsidra sew il-ġurisprudenza tal-Qorti tagħna dwar inċidenti simili u sew il-*Highway Code* u dana peress illi l-*Motor Vehicles Regulations* li kieku kellhom japplikaw għal każ bħall-preżenti daħlu biss in vigore fl-1994 xi snin wara l-inċident in kwistjoni u għalhekk ma kellhomx applikazzjoni - "Il-*Police Sketch* (li miegħu jaqbel

kulħadd) ma jħalli ebda dubbju li l-Alfa Sud ta' l-attriċi kienet mar-*roundabout*. Isegwi li l-attriċi qabdet ir-*roundabout* bi dritt Triq Giuseppe Garibaldi u hi laħqet daret bejn wieħed u ieħor nofsha meta ġara l-inċident;

L-attriċi riedet tabilħaqq tikkonċentra fuq it-traffiku li seta' kien ġej mid-direzzjoni ta' l-ajruport hi u titla' Triq Giuseppe Garibaldi, imma la darba qasmet il-karreġġjata (li mill-ajruport tieħu lejn Ħal Tarxien) u qabdet ir-*roundabout*, l-attriċi kellha fejn tħoss ruħha *safe* għaliex id-dritt fil-konfront tat-traffiku ġej mix-xellug tagħha kienet assolutament ta' l-Alfa Sud;

Għalhekk, fil-fehma ta' l-esponent, il-konvenut kien unikament responsabbli billi hu injora lil Alfa Sud (li dak il-ħin kienet fuq ir-*roundabout*) jekk mhux ukoll ippretenda (minn kif spjegat l-okkorrenza) li din kellha tieqaf biex ikun jista' jibqa' għaddej hu";

Dwar danni, ikkunsidra illi l-ammont ta' Lm841.50 bħala *damnum emergens* ġie ppruvat mill-attriċi u ma ġiex kkontestat. Fir-rigward ta' danni futuri wara, ikkonsidra l-età ta' l-attriċi fi żmien l-inċident (21 sena), il-*gross income* tagħha ta' Lm2,252 u r-rata ta' disabilità permanenti - 11% skond il-Perit Mediku, illikwida il-*lucrum cessans* fl-ammont ta' Lm8,621.25. Biex wasal għal din iċ-ċifra ikkunsidra ukoll kemm kien għadda żmien mid-data ta' l-inċident u għalhekk flok 20% riduzjoni għal *lump sum payment* naqqas biss 5%;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-intervent fil-kawża jikkritika r-rapport peritali li permezz tiegħu instab responsabbli għall-inċident il-konvenut. Jikkritika ukoll però l-ammont likwidat bħala danni *lucrum cessans*. Fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, **Butler *vs* Heard** (22 ta' Diċembru, 1967)

isostni li l-*multiplier* adoperat mill-Perit Legali huwa inkorrett. Jikontesta ukoll ir-riduzzjonii li saret għall-*lump sum payment* li skond hu kellha tkun ta' 19% u mhux 5%. L-attriċi wara kollox damet madwar sena u nofs wara l-inċident biex tippreżenta ċ-ċitazzjoni. Apparti minn dan il-fatt, isostni, l-istat tal-mara miżżewġa ta' l-attriċi kellu jiġi kkunsidrat fl-għoti tal-kumpens;

Fir-risposta tagħha l-attriċi, filwaqt li tikkondividi l-opinjoni peritali dwar is-sejba ta' responsabbilità, tikkummenta ukoll dwar l-ammont ta' *lucrum cessans* lilha akkontat, li tgħid kellha tkun ferm aktar. Il-paga tagħha tul iż-żmien tal-*multiplier* kienet żgur twassal għall-paga medja ferm superjuri għal dik ikkunsidrata mill-perit legali. Skond hi ukoll, ma kellu jkun hemm ebda tnaqqis bħala *lump sum payment*. Iż-żmien invece tal-*multiplier* kien ġust u konformi ma' ġurisprudenza reċenti li ddipartiet minn **Butler *vs* Heard**, fuq dan il-punt. Finalment, dwar id-*damnum emergens*, issostni li fuq is-somma likwidata għandu jiddekorri l-imgħax mill-preżentata taċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tħoss illi l-versjoni attriċi hija aktar verosimili. Mill-provi prodotti hija temmen illi l-attriċi verament kienet bdiet iddur mar-*roundabout* meta ġiet milquta mill-konvenut, l-ewwel fuq in-naħa ta' wara u mbagħad meta daret bl-impatt fuq in-naħa ta' quddiem. Minkejja illi mhux taħt ġurament il-mod kif il-konvenut iddeskriva l-inċident a tempo vergine huwa indikattiv ta' kif verament ġara l-inċident. L-attriċi invece kienet konsistenti fix-xhieda tagħha anke meta sarilha l-kontro-eżami. Ix-xhieda instemgħet *viva voce* mill-Perit Legali li żgur jista' jitqies bħala wieħed mill-esperti legali f'din il-materja. Ir-rapport tiegħu, minkejja li mhuwiex konklussiv, huwa però prova, liema prova ma' provi oħra jridu jkunu kkunsidrati minn din il-Qorti biex tasal għal dik iċ-ċertezza morali neċessarja ta'

kif jidher li sar dan l-inċident. Aċċettata l-versjoni attriċi, l-Qorti trid ta' *bilfors takkorda r-responsabbilità lill-parti l-oħra li* laqtet lill-istess attriċi minn wara u wara li kienet ġà bdiet iddur mar-*roundabout*. Ma hemmx dubbju illi f'dik il-posizzjoni il-vettura ta' l-attriċi kellha dritt li tkompli miexja fi triqitha bla ma tikkonfondi fuq vetturi oħra li kienu ġejjin minn warajha min-naħa tax-xellug;

Għar-rigward tad-danni diretti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Dawn ġew ippruvati bix-xhieda li tat l-attriċi u bid-dokumenti minnha esebiti. Dwar id-*damnum emergens*, l-unika punt li tqajjem min-nota tas-sottomissjonijiet u dana mill-*istess attriċi huwa minn mindu għandhom jiddekorru* l-imgħaxijiet fuq id-danni likwidati. Fuq din il-materja din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddipartixxi mill-ġurisprudenza kważi kostanti tal-Qrati tagħna illi l-imgħax fuq somma mhux *likwidata għandu jgħaddi minn dak in-nhar tal-likwidazzjoni* u ċjoè f'dan il-każ mil-lum;

Ferm aktar inċertezza invece teżisti dwar il-*lucrum cessans*. Din l-inċertezza ma temerġix biss min-noti rispettivi tal-partijiet fil-konfront tar-rapport peritali iżda ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna;

Dan huwa sa ċertu punt mistenni minħabba fid-diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti mis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16. Din id-diskrezzjoni però ma għandhiex twassal għad-diverġenza li teżisti fi prinċipji bażiċi dwar l-interpretazzjoni tal-frażi - "'U t-telf tal-qligħ li tbati l-quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' ġab" (artikolu 1045, subartikolu (1), Kap. 16);

Ikun kompletament illoġiku jekk din il-Qorti, kif

presjeduta, għalhekk tkompli żżid ma' din l-inċertezza billi hi stess ma ssegwix, almenu fl-argumentazzjoni fondamentali, dak minnha deċiż f'sentenzi simili u preċedenti;

Effettivament din il-kwistjoni ġiet eżaminata minn din il-Qorti fis-sentenza **Salamo *et vs* Attard** deċiża fit-23 ta' Jannar, 1996;

Tiswa - u parti minn din is-sentenza tiġi kkwotata - "Minkejja li l-Qrati tagħna f'xi każijiet eżaminaw jekk verament kienx sejjer ikun hemm attwalment telf futur, dan sar aktar bħala parti mill-eżerċizzju tal-kwantifikazzjoni tad-danni milli biex jiġu stabbiliti il-kwistjoni tad-danni fihom innifishom (eg. ***Agius vs Borg**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31* ta' Jannar, 1995, ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru, 1995);

Il-maġġor parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' diżabilità mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilità hijiex verament sejra *tikkaġuna telf futur*;

Din is-sistema mhijiex l-aħjar waħda però hija l-unika waħda aċċettabbli sakemm ma jinħoloqx makkinarju fejn dawn il-materji ma jingħalqu qatt u allura, bħal fil-każ ta' l-alimenti, dritt stabbilit ikun jista' jiġi varjat minn żmien għal żmien skond iċ-ċirkostanzi;

Ma hemmx dubbju li mil-lat ta' ekwita pura din is-sistema hija preferibbli. Jekk riżultat dirett ta' l-inċident id-danni riżultanti minkejja li jikkawżaw biss diżabilità marġinali f'individwu, b'konsegwenza tagħhom jisfa' bla xogħol, allura l-kumpens tiegħu għandu jkun ferm akbar minn ta' dak li b'diżabilità akbar jipprogredixxi b'ċertu mod fil-ħajja li minkejja l-inċident ma jsofri ebda telf ieħor;

Fl-iżvilupp preżenti, però, tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwità jimponu teorija li tesiġi li kull tip ta' diżabilità permanenti twassal għal telf futur fil-proporzjon tal-persentaġġ tagħha";

Wara din l-istqarrija ta' prinċipju l-Qorti kompliet billi teżamina kif kellu jiġi kwantifikat dan it-telf futur peress illi anke dwar il-*multiplier* li kellu jiġi użat fid-deduzzjoni għal-*lump sum payment* li kellu jsir kien hemm nuqqas ta' konformità fil-ġurisprudenza tagħna;

F'dik il-kawża, din il-Qorti ddeċidiet li ssegwi s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili **Agius *vs* Borg**, deċiża fil-31 ta' Jannar, 1991 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru, 1995. Din is-sentenza, fil-fehma ta' din il-Qorti, aġġornat il-prinċipji enunzjati fis-sentenza ferm kwotata ta' **Butler *vs* Heard**, mingħajr ma ddisponiet għal kollox minnhom;

Applikat dawn il-prinċipji għall-każ preżenti, il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali fl-użu tiegħu ta' *multiplier* ta' 30 sena u dan stante l-età żgħira ta' l-attriċi. Dan kien il-*multiplier* użat mill-Qorti fil-każ **Salamo *et vs* Attard** fejn l-attriċi Bartoli kellha 27 sena - età akbar mill-attriċi f'din il-kawża. Dwar il-*lump sum deduction*, f'dak il-każ il-Qorti kienet naqqset 5% peress illi l-inċident kien ġara fl-1991 mentri ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata f'Novembru ta' l-1993. Sfortunatament f'dan il-każ l-attriċi kellha tistenna ferm aktar għal kumpens lilha dovut - infatti kważi 8 snin u għalhekk loġikament din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jkun hem ebda *lump sum deduction*;

Il-Qorti tħoss però fuq dan il-punt li għandha ssemmi żewġ raġunijiet oħra il-għala hija kontra l-*lump sum deduction*,

f'dawn il-każijiet, apparti mit-tul taż-żmien bejn l-inċident u s-sentenza. Fuq *is-somma likwidata l-attriċi tilfet l-imgħax ta' 8* snin u dana f'perijodu meta kienet diġà qed issofri d-diżabilità kaġun ta' l-inċident. Però forsi aktar importanti minn hekk huwa l-fatt illi d-diżabilità hija permanenti u kontinwa mentri l-*introjtu* ta' *l-attriċi* *qiegħed* *jiġi* *kkristalizzat* *f'mument* partikolari kontra l-probabilità storika li fil-futur il-paga tagħha potenzjalment kellha tiżdied. Il-kumpens għalhekk huwa bir-rata tal-lum għal telf li fil-parti l-kbira huwa fil-futur;

Din il-konsiderazzjoni twassal lill-Qorti għar-riflessjoni ulterjuri. Il-paga ta' l-attriċi fi żmien l-inċident kienet ta' Lm2,252. Il-Perit Legali invece uża bħala bażi ċifra ta' *Lm2,750 mingħajr però ma ta spjegazzjoni. Il-Qorti ssegwi dan* ir-raġunament. Il-likwidazzjoni qiegħda ssir illum u bl-istess prinċipju li l-imgħax għandhom jiddekorru biss minn din id-data, din id-data għandha tkun dik relevanti biex jiġi stabbilit l-*introjtu* ta' l-*attriċi*. Ovvjament it-test oġġettiv *imsemmi* aktar kmieni f'din is-sentenza għandu japplika ukoll f'dan il-każ fis-sens illi l-Qorti mhijiex tenuta teżamina provi dwar dak li kieku setgħet taqla' l-attriċi mingħajr din id-diżabilità fil-futur. Minkejja dan però, l-ovvju għandu jitqies. Huwa minnu li l-pagi jawmentaw b'żidiet tal-Gvern bil-medja ta' bejn wieħed u ieħor Lm104 fis-sena li għal tmien snin jiġu paga bażika ta' ċirka Lm3,116 li kieku l-attriċi kien ikollha llum. Oltre minn dan però il-Qorti ma għandhiex tmur u żgur ma għandhiex testendi dawn il-prinċipji għal futur kif tippretendi l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Il-futur huwa injot u mid-data tas-sentenza l-attriċi tkun diġà qiegħda tużufruwixxi mis-somma likwidata. Dan fih innifsu għandu jpatti għat-telf futur;

Finalment qabel ma tiġi konkluża din il-kawża hemm tliet fatturi oħra li jridu jiġu kkunsidrati:

L-ewwel huwa dak dwar il-persentaġġ ta' diżabilità. L-espert mediku nnominat mill-Qorti wasal għal persentaġġ ta' 11%, invece il-perit *ex parte* 18%. Il-Qorti jidhrilha li għandha *tistrieħ fuq il-parir mogħti mill-espert tagħha mhux biss bħala* prinċipju legali u dan nonostante l-emendi li saru dwar din il-materja bl-Att XXIV ta' l-1995, però ukoll għax l-eżami minnu magħmul sar wara ċertu żmien li kien ġara l-inċident u għalhekk kien f'posizzjoni aħjar biex jiċċertifika d-diżabilità korretta;

Fit-tieni lok hemm il-punt imsemmi mill-intervent fil-kawża dwar l-istat ta' mara miżżewġa li għandha l-attriċi u ukoll dwar il-fatt li għandha tarbija. Il-Qorti tħoss li spiċċa ż-żmien, jekk qatt kien jeżisti, illi għandha tiġi meqjusa din il-materja u dana sew *mil-lat soċjali* u sew minn *dak legali*, wara *l-emendi* li saru fl-1993 għal Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja illi l-persentaġġ ta' nisa miżżewġa li jaħdmu f'pajjiżna mhux daqshekk għoli daqs pajjiżi oħra fl-Ewropa, dan l-ammont huwa konsiderevoli u dejjem jiżdied stante l-aspettativi soċjali ta' l-istess koppja miżżewġa;

Finalment, huwa minnu illi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata f'Ġunju ta' l-1991 - sena u nofs wara l-inċident. L-attriċi però kienet ippreżentat ittra uffiċjali fl-4 ta' Marzu, 1991. Apparti minn dana però huwa normali li wieħed jesplora t-tentattivi ta' ftehim bonarju qabel ma jidħol il-Qorti u li jieħu l-pariri neċessarji qabel ma jipprosegwi biċ-ċitazzjoni. Din il-prudenza li tista' tnaqqas il-litiġi ma għandhiex imbagħad tkun punita;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, il-kawża hija deċiża billi l-Qorti:

Tiddikjara l-konvenut Anthony Galea unikament *responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fis-26 ta'* Diċembru, 1989 fil-post u ħin indikat fil-premessi taċ-ċitazzjoni

u għad-danni konsegwenzjali li ġarrbet l-attriċi Susan Davies bħala riżultat ta' dan l-inċident;

Tillikwida d-danni minnha sofferti b'dan il-mod:

*Damnum emergens*: Lm849.50;

*Lucrum cessans*: Lm3115 x 30 x 11% = Lm10,282.80;

Total: Lm11,132.30;

Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas id-danni hekk likwidati bl-imgħax legali mil-lum u bl-ispejjeż tal-kawża kif mitluba.